

- F'dan ir-rigward jiġi ddikjarat li lanqas hawn ma jirriżulta li tapplika b'analoġija l-ġurisprudenza dwar kawżi ta' amalgamazzjoni. Filwaqt li f'dawn il-kawżi jista' jinftiehem li n-natura sensitiva tal-informazzjoni tinżamm matul iż-żmien wara d-deċiżjoni tal-Kummissjoni, dan ma huwiex il-każ fejn hemm self wieħed, li l-kundizzjonijiet ta' għoti tiegħu jitqiesu mill-Kummissjoni bħala inkompatibbli mat-TFUE.
3. It-tielet motiv, li huwa invokat sussidjarjament, ibbażat fuq li, anki jekk jiġi preżunt li r-raġunijiet ta' kunfidenzjalità invokati mill-Kummissjoni huma fondati f'dan il-każ, hemm interess pubbliku superjuri li jiġġustifika l-aċċess għad-dokumenti mitluba, li fil-konkret ifisser li jiġi żgurat l-eżerċizzju xieraq tad-drittijiet tad-difiża rrikonoxxuti mill-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea.
4. Ir-raba' motiv, li huwa invokat ukoll sussidjarjament, ibbażat fuq il-ksur tal-Artikolu 4(6) tar-Regolament Nru 1049/2001, fil-parti fejn, finalment, il-Kummissjoni hija obbligata li toffri għall-inqas aċċess parzjali għall-informazzjoni mitluba.

Rikors ippreżentat fit-28 ta' Frar 2017 – Scor vs Il-Kummissjoni

(Kawża T-135/17)

(2017/C 144/69)

Lingwa tal-kawża: il-Franċiż

Partijiet

Rikorrenti: Scor SE (Pariġi, Franza) (rappreżentanti: N. Baverez, N. Autet, M. Béas u G. Marson, avukati)

Konvenuta: Il-Kummissjoni Ewropea

Talbiet

- tannulla l-punt "(i) garanzija illimitata mogħtija lill-Caisse Centrale de Réassurance (CCR) għall-attività tagħha ta' riassigurazzjoni tar-riskji ta' katastrofi naturali fi Franza" tad-Deċiżjoni ta' għajjnuna mill-Istat SA.37649 (2013/CP); SA.45860 (2016/PN); SA.45860 (2016/N) – Franza fid-data tas-26 ta' Settembru 2016, C(2016) 5995 finali;
- tikkundanna lill-Kummissjoni għall-ispejjeż kollha, skont l-Artikolu 134 tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti Ġenerali.

Motivi u argumenti prinċipali

Insostenn tar-rikors tagħha, ir-rikorrenti tinvoka erba' motivi.

1. L-ewwel motiv, ibbażat fuq il-fatt li d-deċiżjoni kkontestata hija bbażata fuq bażi legali żbaljata għall-evalwazzjoni tal-kompatibbiltà tal-garanzija mogħtija lill- Caisse Centrale de Réassurance.
2. It-tieni motiv, ibbażat fuq diversi nuqqasijiet ta' motivazzjoni li jivvizzjaw id-deċiżjoni kkontestata.
3. It-tielet motiv, ibbażat fuq il-ksur tal-Artikolu 107(3)(c) TFUE. Dan il-motiv huwa maqsum f'żewġ partijiet:
 - l-ewwel parti, ibbażata fuq żbalji relatati mal-applikazzjoni tal-istħarriġ ta' proporzjonalità;
 - it-tieni parti, ibbażata fuq in-natura sproporzjonata tal-garanzija.
4. Ir-raba' motiv, ibbażat fuq ksur tad-drittijiet proċedurali tar-rikorrenti.